IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.5.2013
COM(2013) 311 final

2013/0162 (COD)

Proposta għal

# DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## dwar ir-ritorn ta' oġġetti kulturali imneħħija illegalment mit-territorju ta' Stat Membru

**(Riformulazzjoni)**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

{SWD(2013) 188 final}
{SWD(2013) 189 final}

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### • Il-kuntest ġenerali, ir-raġunijiet u l-għanijiet ta' din il-proposta

L-oġġetti kulturali nazzjonali huma dawk l-oġġetti li l-Istati Membri jkunu identifikaw bħala oġġetti li jappartjenu lill-wirt kulturali tagħhom. Dawn l-oġġetti huma ġeneralment ikklassifikati skont l-importanza kulturali tagħhom u jkun hemm marbuta magħhom regoli ta' protezzjoni relattivament stretti. Minn fost l-oġġetti kulturali, it-teżori nazzjonali ta' valur artistiku, storiku jew arkeoloġiku (minn hawn 'il quddiem "teżori nazzjonali"), skont il-leġiżlazzjoni jew il-proċeduri amministrattivi nazzjonali fil-kuntest tal-Artikolu 36 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), huma oġġetti ta' interess kbir li għandhom jinżammu għall-ġenerazzjonijiet futuri. B'mod ġenerali, it-teżori nazzjonali jkollhom protezzjoni legali aħjar li tipprojbixxi t-tneħħija permanenti tagħhom mit-territorju tal-Istat Membru.

Is-suq intern huwa spazju mingħajr fruntieri interni li fih hija garantita ċ-ċirkulazzjoni ħielsa tal-oġġetti skont id-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Dawn id-dispożizzjonijiet ma jxekklux il-projbizzjonijiet jew ir-restrizzjonijiet iġġustifikati għal raġunijiet ta' protezzjoni tat-teżori nazzjonali ta' valur artistiku, storiku jew arkeoloġiku, fil-kuntest tal-Artikolu 36 tat-TFUE.

Id-Direttiva tal-Kunsill 93/7/KEE fuq ir-ritorn ta' oġġetti ta' kultura illegalment imneħħija mit-territorju ta' Stat Membru[1], ġiet adottata fl-1993, meta tneħħew il-fruntieri interni b'mod li jkunu protetti l-oġġetti kulturali tal-Istati Membri li huma kklassifikati bħala 'teżori nazzjonali'. Din id-Direttiva tfittex li tgħaqqad flimkien il-prinċipji fundamentali taċ-ċirkulazzjoni ħielsa tal-oġġetti mal-ħtieġa ta' protezzjoni effikaċi tat-teżori nazzjonali.

Il-valutazzjonijiet tad-Direttiva[2] wrew li l-effikaċja ta' dan l-instrument f'termini tar-ritorn ta' ċerti oġġetti kulturali kklassifikati bħala 'teżori nazzjonali' li jkunu nħarġu illegalment minn territorju ta' Stat Membru u li jkunu jinsabu f'territorju ta' Stat Membru ieħor hija waħda limitata. Ir-raġunijiet prinċipali għal dan ġew identifikati kif ġej:

- il-kundizzjonijiet li jagħmlu l-oġġetti kklassifikati bħala "teżori nazzjonali" eliġibbli għall-proċedura tar-ritorn, jiġifieri jekk jappartjenux għal waħda mill-

1 Id-Direttiva 93/7/KEE tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 1993 fuq ir-ritorn ta' oġġetti ta' kultura illegalment imneħħija mit-territorju ta' Stat Membru, ĠU L 74, 27.03.1993, p. 74, emendata permezz tad-Direttiva 96/100/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Frar 1997, ĠU L 60, 1.3.1997, p. 59, u permezz tad-Direttiva 2001/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2001, ĠU L 187, 10.7.2001, p. 43.

2 L-ewwel rapport tal-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar l-applikazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 3911/92 tal-Kunsill dwar l-esportazzjoni ta' oġġetti kulturali u tad-Direttiva 93/7/KEE tal-Kunsill fuq ir-ritorn ta' oġġetti ta' kultura illegalment imneħħija mit-territorju ta' Stat Membru, COM (2000)325 finali tal-25.5.2000. It-tieni rapport mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 93/7/KEE tal-Kunsill dwar ir-ritorn ta' oġġetti ta' kultura illegalment imneħħija mit-territorju ta' Stat Membru, COM (2005)675 finali tal-21.12.2005. It-tielet rapport mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 93/7/KEE tal-Kunsill dwar ir-ritorn ta' oġġetti ta' kultura illegalment imneħħija mit-territorju ta' Stat Membru, COM (2009) 408 finali tat-30.7.2009. Ir-raba' rapport mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 93/7/KEE tal-Kunsill fuq ir-ritorn ta' oġġetti ta' kultura illegalment imneħħija mit-territorju ta' Stat Membru, COM (2013) 310 final ta' 30.5.2013.

kategoriji komuni msemmija fl-Anness u jissodisfawx il-limiti finanzjarji u dawk taż-żmien;

- iż-żmien qasir disponibbli sabiex jitwettqu l-proċeduri ta' ritorn;
- il-kost tal-kumpens.

Dawn il-valutazzjonijiet urew ukoll il-ħtieġa li titjieb il-kooperazzjoni amministrattiva u l-konsultazzjoni bejn l-awtoritajiet ċentrali sabiex dawn ikunu jistgħu jimplimentaw aħjar id-Direttiva.

Fil-kuntest tas-sistema stabbilita permezz tad-Direttiva, ċerti Stati Membri jkollhom jużaw mekkaniżmi previsti mill-ftehimiet internazzjonali sabiex jiżguraw ir-ritorn tal-oġġetti kulturali tagħhom. Il-Konvenzjoni tal-UNESCO tal-1970 dwar il-mezzi ta' projbizzjoni u prevenzjoni tal-importazzjoni, esportazzjoni u trasferiment illegali tas-sjieda tal-proprjetà kulturali u l-Konvenzjoni tal-UNIDROIT tal-1995 dwar l-oġġetti kulturali misruqa jew esportati illegalment, ma ġewx irratifikati mill-Istati Membri kollha[3].

Minkejja l-varjetà ta' strumenti disponibbli, it-traffikar tal-oġġetti kulturali sar waħda mill-aktar forom mifruxa ta' kummerċ illegali. It-traffikar tal-oġġetti kulturali kklassifikati bħala "teżori nazzjonali" huwa tip partikolarment gravi ta' din il-kriminalità li jaffettwa lill-identità nazzjonali, lill-kultura u lill-istorja tal-Istati Membri b'mod ħażin ħafna, minħabba li l-għejbien tat-"teżori nazzjonali" jċaħħad liċ-ċittadini kollha tal-Istat minn prova tal-identità u l-istorja tagħhom.

Wara li ddikjara li dan joħloq effett problematiku li għandu impatt sinifikanti fuq l-Istati Membri tal-Unjoni, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea kkonkluda, fit-13 u l-14 ta' Diċembru 2011, li kien meħtieġ li jittieħdu miżuri sabiex titjieb l-effikaċja tal-prevenzjoni fil-konfront tal-kriminalità li tolqot l-oġġetti kulturali u tal-ġlieda kontra dan il-fenomenu. Għaldaqstant, qed jiġi rrakkomandat li l-Kummissjoni, fost korpi oħrajn, tappoġġa lill-Istati Membri b'mod li dawn jipproteġu b'mod effikaċi l-oġġetti kulturali bil-għan li jipprevjenu u jiġġieldu kontra t-traffikar illegali u, fejn xieraq, jippromwovu miżuri kumplimentari[4].

L-għan ta' din il-proposta huwa dak li tippermetti li l-Istati Membri jiżguraw ir-ritorn ta' kwalunkwe oġġett kulturali kklassifikat bħala 'teżor nazzjonali' u li jkun tneħħa illegalment mit-territorju mill-1993 'il quddiem.

L-għan ġenerali huwa li jsir kontribut fir-rigward tal-protezzjoni tal-oġġetti kulturali fil-kuntest tas-suq intern.

**Konsistenza mal-politiki u l-objettivi l-oħrajn tal-Unjoni**

Din l-inizjattiva hija konsistenti mal-politika tal-Unjoni fir-rigward tal-protezzjoni tal-oġġetti kulturali. Hija wkoll konformi mal-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Unjoni msemmija aktar 'il fuq dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar illegali tal-oġġetti kulturali.

Il-proposta tad-Direttiva tikkonċerna r-ritorn ta' oġġetti kulturali permezz ta' sistema li tippermetti li l-Istati Membri jipproteġu l-oġġetti kulturali tagħhom ikklassifikati bħala "teżori nazzjonali".

---

3 Fix-xahar ta' Settembru 2012, il-konvenzjoni tal-UNESCO tal-1970 ġiet irratifikata minn 22 Stat Membru u dik ta' UNIDROIT tal-1995 minn 13-il Stat Membru. L-Awstrija kienet fil-proċess li tirratifika l-Konvenzjoni tal-UNESCO.

4 Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Unjoni dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità fir-rigward ta' beni kulturali, it-13 u l-14 ta' Diċembru 2011. http://www.consilium.europa.eu/uedocs/cms_data/docs/pressdata/fr/jha/126867.pdf.

Ta' min wieħed jinnota li, fir-rigward tal-irkupru ta' oġġett kulturali mill-proprjetarju, ir-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012[5] dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali, jipprevedi ħolqien ta' forum għall-proċeduri ċivili ta' rkupru, ibbażati fuq id-dritt ta' proprjetà, fil-qrati tal-post fejn ikun l-oġġett. Din id-dispożizzjoni l-ġdida tkopri wkoll il-proċeduri ċivili li jitressqu għal skop ta' rkupru tal-oġġetti kulturali.

Iż-żewġ inizjattivi għandhom l-għan li jsaħħu l-protezzjoni tal-oġġetti kulturali, waħda tippermetti lill-awtoritajiet nazzjonali li jitolbu r-ritorn tal-oġġett kulturali li huwa kklassifikat bħala teżor nazzjonali u li jkun tneħħa b'mod illegali mit-territorju, u l-oħra tagħti lis-sid id-dritt li jitlob l-irkupru ta' oġġett kulturali quddiem il-qrati tal-Istati Membri fejn ikun l-oġġett.

## 2. RIŻUTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

### • Konsultazzjoni mal-partijiet interessati

Mit-30 ta' Novembru 2011 sal-5 ta' Marzu 2012 saret konsultazzjoni pubblika indirizzata lill-partijiet ikkonċernati minn din l-inizjattiva. Din il-konsultazzjoni saret skont il-mekkaniżmu interattiv ta' tfassil tal-politika ("Il-Vuċi Tiegħek fl-Ewropa") permezz ta' żewġ kwestjonarji speċifiċi, wieħed indirizzat lill-awtoritajiet u lill-entitajiet pubbliċi u l-ieħor liċ-ċittadini u lill-operaturi ekonomiċi kkonċernati jew li jaħdmu fil-qasam tal-oġġetti kulturali.

Is-servizzi tal-Kummissjoni rċevew 142 tweġiba li minnhom 24 kienu ġejjin minn entitajiet pubbliċi u 118 mis-settur privat. Is-sommarju tar-riżultati ta' din il-konsultazzjoni pubblika huwa disponibbli fuq il-websajt Europa[6].

Il-maġġoranza tal-parteċipanti mis-settur privat (61 %) iqisu li d-Direttiva 93/7/KEE issodisfat il-ħtiġijiet tal-Istati Membri; għalhekk mhemmx bżonn li tiġi riveduta. 22 % biss kienu favur ir-reviżjoni.

Madankollu, 54 % tar-rappreżentanti tal-awtoritajiet u l-entitajiet pubbliċi jqisu li d-Direttiva ma tagħtix garanzija ta' ritorn effikaċi tat-teżori nazzjonali li jkunu tneħħew illegalment mit-territorju ta' Stat Membru. Is-soluzzjonijiet proposti għat-titjib tal-effikaċja tad-Direttiva kellhom pjuttost l-istess livell ta' appoġġ; 29 % huma favur ir-reviżjoni tad-Direttiva, 29 % huma favur it-titjib tal-kooperazzjoni amministrattiva u l-iskambju tal-informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti, 17 % huma favur it-tħeġġiġ tar-ratifika tal-konvenzjonijiet internazzjonali (UNESCO u UNIDROIT) mill-Istati Membri u 25 % huma favur approċċ li jgħaqqad flimkien diversi soluzzjonijiet, fosthom ir-reviżjoni tad-Direttiva flimkien ma' titjib fil-kooperazzjoni amministrattiva u l-konsultazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti.

### • Ġbir u użu tal-għarfien espert

Il-Kummissjoni spiss fasslet rapporti li janalizzaw id-Direttiva 93/7/KEE abbażi tar-rapporti nazzjonali dwar l-applikazzjoni tagħha. Dawn ir-rapporti ta' evalwazzjoni, li jkopru l-perjodu ta' żmien 1993-2011, jindirizzaw lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[7].

Minbarra dan, il-Kummissjoni wettqet evalwazzjoni *ex post* tad-Direttiva billi ħolqot grupp ta' esperti nazzjonali li jirrappreżentaw lill-awtoritajiet ċentrali li jwettqu l-kompiti stabbiliti fid-

---

5 ĠU L 351, 20.12.2012, p.1.
6 http://ec.europa.eu/yourvoice/consultations/2012/index_mt.htm
7 http://ec.europa.eu/enterprise/policies/single-market-goods/regulated-sectors/cultural-goods/index_en.htm

Direttiva. Il-mandat tal-grupp ta' esperti "Return of cultural goods", stabbilit fi ħdan il-Kumitat dwar l-Esportazzjoni u r-Ritorn tal-Oġġetti Kulturali, kien dak li jidentifika l-problemi marbuta mal-applikazzjoni tad-Direttiva u li jsib soluzzjonijiet possibbli. Il-grupp wettaq il-ħidma tiegħu bejn l-2009 u l-2011.

Il-grupp ta' ħidma kkonkluda li d-Direttiva kellha tiġi riveduta sabiex din issir strument aktar effikaċi fir-rigward tar-ritorn tat-teżori nazzjonali u li kien meħtieġ li dan il-mekkaniżmu jintuża sabiex titjieb il-kooperazzjoni amministrattiva u l-konsultazzjoni bejn l-awtoritajiet ċentrali[8].

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Din il-proposta hija akkumpanjata minn sommarju eżekuttiv tal-valutazzjoni tal-impatt u minn valutazzjoni tal-impatt, li l-abbozz tagħha ġie vvalutat mill-Kumitat *ad hoc* tal-Kummissjoni Ewropea u ħareġ l-opinjoni tiegħu fil-21 ta' Settembru 2012. Il-verżjoni finali tal-valutazzjoni tal-impatt ġiet immodifikata b'mod li tqis ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat.

Din il-valutazzjoni tal-impatt ikkunsidrat, b'mod partikolari, ir-rapporti ta' evalwazzjoni tad-Direttiva, id-dokumentazzjoni miksuba mix-xogħlijiet tal-grupp ta' esperti "Return of cultural goods", il-ħidma tal-grupp ta' esperti MMK (Metodu miftuħ ta' koordinazzjoni) dwar il-mobilità tal-kollezzjonijiet fil-qafas tal-pjan ta' ħidma 2007-2010 favur il-kultura[9], ir-riżultati tal-konsultazzjoni pubblika dwar is-suġġett kif wkoll l-istudji li saru fl-2004, l-2007 u l-2011 fil-qasam tal-oġġetti kulturali[10].

Il-Kummissjoni wettqet valutazzjoni tal-impatt, imsejsa fuq l-informazzjoni miġbura, u li fiha ġew eżaminati u mqabbla l-għażliet li ġejjin[11]:

**Għażla 1: ma jsir l-ebda tibdil fis-sitwazzjoni kurrenti**

Ma jsir l-ebda tibdil fid-Direttiva 93/7/KEE, kif emendata bid-Direttivi 96/100/KE u 2001/38/KE.

**Għażla 2: Il-promozzjoni tal-użu ta' għodda komuni bejn l-awtoritajiet ċentrali**

L-awtoritajiet ċentrali jkollhom disponibbli għodda elettronika (is-sistema ta' informazzjoni tas-suq intern, minn issa 'l quddiem "l-IMI") sabiex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni amministrattiva, il-konsultazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn dawn l-awtoritajiet.

---

8 Il-ħidmiet ta' dan il-grupp u l-kontribuzzjonijiet individwali tal-membri ma ġewx ippubblikati.

9 Rapport finali u Rakkomandazzjonijiet lill-Kumitat tal-Affarijiet Kulturali rigward it-tijib fil-mezzi ta' żieda fil-mobilità tal-kollezzjonijiet, Ġunju 2010: http://ec.europa.eu/culture/our-policy-development/working-group-on-museum-activities_en.htm

10 Studju "Analyse des structures et mécanismes de diffusion des données nécessaires aux autorités afin de garantir l'application de la directive relative aux biens culturels" (Analiżi tal-istrutturi u l-mekkaniżmi ta' diffużjoni tad-dejta neċessarja lill-awtoritajiet sabiex tiġi ggarantita l-applikazzjoni tad-Direttiva dwar l-oġġetti kulturali) u Studju "Extension aux 12 nouveaux États membres" (Estensjoni għat-12-il Stat Membru l-ġdid) 2007, (Information & Communication Partners, (kuntratt ta' studju numru 30-CE-0102617/00-49), disponibbli, jekk mitlub, fuq l-indirizz ENTR-PRODUCT-MARKET-INTEGR-AND-ENFOR@ec.europa.eu. "Study on preventing and fighting illicit trafficking in cultural goods in the European Union" (Studju dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar illegali tal-oġġetti kulturali fl-Unjoni Ewropea, CECOJI-CNRS-UMR 6224 (Franza), 2011. http://ec.europa.eu/home-affairs/doc_centre/crime/docs/Report%20Trafficking%20in%20cultural%20goods%20EN.pdf#zoom

11 Għażliet oħrajn, bħal: i) ir-ratifika,, min-naħa tal-Unjoni, tal-konvenzjoni tal-UNESCO tal-1970 u dik ta' UNIDROIT tal-1995; ii) id-definizzjoni ta' strateġija tal-Unjoni li għandha bħala għan ir-ratifika, min-naħa tal-Istati Membri kollha, tal-Konvenzjoni ta' UNIDROIT, iii) is-sostituzzjoni tad-Direttiva 93/7/KEE permezz ta' Regolament u iv) it-tħassir tad-Direttiva 93/7/KEE, twarrbu fl-ewwel stadji ta' eżaminazzjoni tas-soluzzjonijiet differenti minħabba raġunijiet ta' fattibilità.

**Għażla 3: Ir-reviżjoni tad-Direttiva 93/7/KEE**

Id-Direttiva 93/7/KEE tiġi riveduta sabiex: i) testendi l-kamp ta' applikazzjoni tagħha għall-oġġetti kollha kklassifikati bħala "teżori nazzjonali", ii) iżżid il-limitu ta' żmien sa meta għandhom jinbdew il-proċeduri ta' ritorn u dik sa meta għandu jkun ivverifikat l-oġġett kulturali u iii) tallinja l-kundizzjonijiet b'rabta mal-kumpens tal-possessur.

**Għażla 4: It-tħeġġiġ tar-ratifika u l-implimentazzjoni, min-naħa tal-Istati Membri, tal-Konvenzjoni tal-UNESCO tal-1970 dwar l-oġġetti kulturali**

Id-Direttiva 93/7/KEE ma tinbidilx, l-azzjoni hija ffukata fuq ir-ratifika u l-implimentazzjoni, min-naħa tal-Istati Membri, tal-Konvenzjoni tal-UNESCO tal-1970 dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu għall-projbizzjoni u l-prevenzjoni tal-importazzjoni, l-esportazzjoni u t-trasferiment tas-sjieda illegali tal-oġġetti kulturali.

L-approċċ ippreferut jirriżulta minn taħlita tal-għażliet 2 u 3 bil-għan, prinċipalment li:

- tintuża s-sistema ta' kooperazzjoni amministrattiva IMI bejn l-awtoritajiet ċentrali;

- jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva għall-oġġetti kulturali kollha kklassifikati bħala "teżori nazzjonali" skont l-Artikolu 36 tat-Trattat;

- jiġi estiż il-limitu ta' żmien sabiex jitwettqu l-proċeduri ta' ritorn;

- jiżdied il-limitu ta' żmien sa meta għandu jiġi vverifikat l-oġġett kulturali;

- jiġu allinjati l-kundizzjonijiet marbuta mal-kumpens tal-possessur f'każ ta' ritorn.

## 3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

- **Sommarju tal-azzjonijiet proposti**

Ir-riformulazzjoni tad-Direttiva 93/7/KEE, emendata bid-Direttivi 96/100/KE u 2001/38/KE, għandha l-għan li tippermetti lill-Istati Membri jiksbu r-ritorn ta' kwalunkwe oġġett kulturali kklassifikat bħala "teżor nazzjonali". Din ir-riformulazzjoni għandha wkoll l-għan li tissimplifika l-liġi tal-Unjoni f'dan il-qasam.

Il-bidliet li saru fid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 93/7/KE jikkonċernaw: (i) it-tkabbir tal-kamp ta' applikazzjoni tagħha għall-oġġetti kulturali kollha kklassifikati bħala "teżori nazzjonali" skont l-Artikolu 36 tat-Trattat (ii) l-użu tas-sistema IMI għat-twettiq tal-azzjonijiet ta' kooperazzjoni amministrattiva u l-iskambji ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet ċentrali, (iii) iż-żieda fiż-żmien mogħti lill-awtoritajiet tal-Istat Membru tat-talba biex ikunu jistgħu jivverifikaw in-natura tal-oġġett kulturali li jkun instab fi Stat Membru ieħor, (iv) l-estensjoni tal-perjodu limitat ta' żmien biex jinbdew il-proċeduri ta' ritorn, (v) l-indikazzjoni dwar liema awtorità tal-Istat Membru tat-talba tibda l-perjodu ta' żmien għall-proċeduri ta' ritorn (vi) id-dikjarazzjoni li l-possessur għandu l-oneru tal-provi tad-diliġenza meħtieġa matul l-akkwist tal-oġġett kulturali (vii) l-indikazzjoni tal-kriterji komuni li fuqhom jiġi intepretat il-kunċett ta' "diliġenza meħtieġa" jew (viii) iż-żieda fl-iskadenza għar-rapporti li jivvalutaw u janalizzaw l-applikazzjoni tad-Direttiva.

- **Bażi legali**

Il-proposta tissejjes fuq l-Artikolu 114 tat-Trattat (TFUE).

- **Prinċipju ta' sussidjarjetà**

Is-suq intern huwa kompetenza maqsuma bejn l-Unjoni u l-Istati Membri. Għalhekk, għandu japplika l-prinċipju tas-sussidjarjetà.

Minħabba li kull azzjoni individwali ta' ritorn li ssir mill-Istati Membri tista' tiġi affettwata mir-regoli nazzjonali differenti, il-ħolqien ta' suq intern kien akkumpanjat mill-adozzjoni tad-Direttiva 93/7/KEE.

L-iffissar tar-regoli fir-rigward tar-ritorn huwa mod kif jiġi ffaċilitat il-funzjonament tas-suq intern. Fil-fatt, ikun diffiċli ħafna li Stat Membru jikseb ritorn ta' oġġett kulturali kklassifikat bħala "teżor nazzjonali" li jkun tneħħa illegalment jekk ma jkunx hemm proċedura komuni applikabbli fl-Istat Membru fejn ikun jinsab l-oġġett. Minħabba dan, possessur li jkun jaf li l-oġġett tneħħa illegalment, ikun jista' joqgħod fi Stat Membru mingħajr il-biża li jitlef l-oġġett imsemmi.

Għaldaqstant, id-dimensjoni transfruntiera tal-ħruġ illegali tal-oġġetti kulturali tfisser li l-UE tinsab f'qagħda aħjar biex tieħu azzjoni fir-rigward ta' dawn l-aspetti u tippermetti r-ritorn ta' oġġetti li jkunu nħarġu illegalment u li jkunu f'territorju ta' Stat Membru. Għalhekk, l-għan tal-proposta ma jistax jinkiseb kif xieraq mill-Istati Membri u jkun jeħtieġ azzjoni fil-livell tal-UE.

Madankollu l-Unjoni mhijiex kompetenti biex tiddefinixxi x'inhu teżor nazzjonali jew biex tiddetermina liema huma t-tribunali nazzjonali kompetenti li permezz tagħhom tkun taf l-azzjoni ta' ritorn li l-Istat Membru tat-talba jista' jippreżenta fil-konfront tal-possessur u/jew detentur ta' oġġett kulturali kklassifikat bħala 'teżor nazzjonali' u li jkun tneħħa illegalment mit-territorju tal-Istat Membru. Dawn l-aspetti jikkonċernaw is-sussidjarjetà għaliex huma fil-kompetenza tal-Istati Membri.

- **Prinċipju tal-proporzjonalità**

Skont il-prinċipju ta’ proporzjonalità, il-modifiki proposti ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti.

L-iskala tal-azzjoni proposta hija marbuta ma' dawk il-fatturi prinċipali li jillimitaw l-effikaċja tad-Direttiva 93/7/KEE fir-rigward tal-garanzija tar-ritorn ta' ċerti oġġetti kklassifikati bħala "teżori nazzjonali". Din il-proposta hija proporzjonata mal-għan ta' garanzija tar-ritorn tal-oġġetti kulturali kollha li huma kklassifikati bħala teżori nazzjonali u li jkunu tneħħew illegalment mit-territorju ta' Stat Membru mill-1993 'il quddiem, mingħajr ma jmur lil hinn minn dak li hu meħtieġ għal dak l-iskop.

Sabiex tittejjeb l-applikazzjoni tagħha, din il-proposta tistabbilixxi li l-kooperazzjoni amministrattiva u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet ċentrali għandhom jitwettqu permezz tas-sistema IMI; tindika wkoll liema awtorità nazzjonali tal-Istat Membru tat-talba tibda l-perjodu għat-tressiq tal-proċeduri ta' ritorn, tistipula li l-pussessur ikollu l-oneru tal-provi tad-diliġenza meħtieġa, u tistabbilixxi ċerti kriterji komuni għall-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "diliġenza meħtieġa" sabiex ikun aktar faċli li l-imħallfin nazzjonali jaslu għal interpretazzjoni aktar uniformi ta' dan il-kunċett sabiex il-possessur jiġi kkumpensat. Dawn il-kriterji mhumiex eżawrjenti.

Madankollu, ma hemmx bżonn azzjoni fir-rigward tal-aspetti l-oħrajn, bħal li jkun permess li individwu jibda proċeduri ta' ritorn sabiex jirkupra oġġett ikklassifikat bħala "teżor nazzjonali" li jappartjenu lilu, li jiġi estiż iż-żmien għall-proċeduri tar-ritorn minn tletin għal ħamsin sena jew li jiġi llimitat l-ammont massimu ta' kumpens lill-possessur.

Il-proposta mhijiex se żżid il-piż amministrattiv għall-amministrazzjonijiet; anzi, bil-kontra, se tnaqqsu.

- **Teknika leġiżlattiva**

Tajjeb li jitfakkar li fl-1 ta’ April 1987 il-Kummissjoni ddeċidiet li tordna lill-persunal tagħha li kull att għandu jiġi kkodifikat wara mhux iktar minn għaxar emendi, filwaqt li enfasizzat li

din hija kundizzjoni minima u li d-dipartimenti għandhom jippruvaw jikkodifikaw it-testi li huma responsabbli għalihom anke f'intervalli iqsar biex jiżguraw li d-dispożizzjonijiet tagħhom ikunu ċari u jinftiehmu malajr.

Il-kodifikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 93/7/KEE tal-15 ta' Marzu 1993 fuq ir-ritorn ta' oġġetti ta' kultura illegalment imneħħija mit-territorju ta' Stat Membru[12] inbdiet mill-Kummissjoni u ġiet sottomessa proposta rilevanti lill-awtorità leġiżlattiva[13]. Id-Direttiva l-ġdida kellha tissostitwixxi d-diversi atti inkorporati fiha[14].

Matul il-proċedura leġiżlattiva, ġie ddikjarat li l-Artikolu 16(4) tad-Direttiva93/7/KEE, li kien jikkorrispondi għall-Artikolu 16(3) tat-test kodifikat propost, stabbilixxa bażi legali sekondarja. Fid-dawl tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' Mejju 2008 fil-Kawża C-133/06, it-tħassir tal-Artikolu 16(3), tal-proposta tat-test kodifikat ġie meqjus neċessarju. Peress li tali tħassir jimplika tibdil sostantiv, u jmur lil hinn mill-kodifikazzjoni sempliċi, tqies bħala neċessarju li l-punt 8[15] tal-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Diċembru 1994 – Fuq metodu ta' ħidma aċċellerat tal-kodifikazzjoni uffiċjali tat-testi leġiżlattivi – jiġi applikat, fid-dawl tad-Dikjarazzjoni Konġunta dwar dak il-punt[16].

Il-Kummissjoni għalhekk ħasset li huwa xieraq li tirtira l-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill bil-għan li tikkodifika d-Direttiva 93/7/KEE[17] u tittrasforma l-kodifikazzjoni tad-Direttiva f'riformulazzjoni sabiex tinkorpora l-emenda meħtieġa.

Kif kien spjegat aktar qabel, l-għan li jkun permess li l-Istati Membri jiksbu r-ritorn tal-oġġetti kulturali kklassifikati bħala "teżori nazzjonali" jeħtieġ għadd ta' emendi sostanzjali tad-Direttiva 93/7/KEE. Għalhekk ġie deċiż li tiġi applikata t-teknika tar-riformulazzjoni skont il-Ftehim Interistituzzjonali tat-28 ta' Novembru 2001 għal approċċ aktar strutturat fil-konfront tat-teknika ta' riformulazzjoni tal-atti legali[18].

Din il-proposta hija riformulazzjoni tad-Direttiva 93/7/KEE, kif emendata bid-Direttivi 96/100/KE u 2001/38/KE. Hija simplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni fis-seħħ u għandha twassal sabiex jitħassru d-Direttivi 93/7/KEE, 96/100/KE u 2001/38/KE.

- **Spjegazzjoni ddettaljata tal-proposta**

L-Artikolu 1.1 jiddefinixxi "oġġett kulturali" bħala oġġett li jkun ikklassifikat, qabel jew wara t-tneħħija illegali tiegħu mit-territorju ta' Stat Membru, qalb il-"patrimonju nazzjonali ta' valur artistiku, storiku jew arkeoloġiku" fil-kuntest tal-leġiżlazzjoni nazzjonali jew tal-proċeduri amministrattivi skont it-tifsira tal-Artikolu 36 tat-Trattat. L-Anness tad-Direttiva Nru 93/7/KEE jitħassar.

Minħabba r-ritorn ta' oġġett, din id-Direttiva tneħħi l-obbligu li oġġetti kklassifikati bħala "teżori nazzjonali":

---

12 Magħmul skont il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill – Kodifikazzjoni tal-*Acquis Communautaire*, COM(2001) 645 finali.

13 COM (2007) 873 finali.

14 Anness I, il-parti A ta' din il-proposta.

15 "Jekk waqt il-proċess leġislattiv jirriżulta li hemm bżonn li jmorru lil hinn mill-kodifikazzjoni sempliċi u jagħmlu tibdiliet sostantivi, hi r-responsabbiltà tal-Kummissjoni li tissottometti il-proposta(i), fejn hemm bżonn".

16 "Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jieħdu nota tal-fatt li jekk jirriżulta li hemm bżonn li jmorru lil hinn mill-kodifikazzjoni sempliċi u jagħmlu tibdiliet sostantivi, il-Kummissjoni tkun tista' tagħżel, każ b'każ, jekk tirriformulax il-proposta tagħha jew jekk tippreżentax proposta separata għal emenda, filwaqt li tħalli l-proposta għal kodifikazzjoni pendenti, u sussegwentement, wara li l-emenda sostantiva tkun ġiet adottata, tinkorporaha fil-proposta għal kodifikazzjoni".

17 ĠU C 252, 18.9.2010, p. 11.

18 ĠU C 77, 28.3.2002, p. 1.

- ikunu jappartjenu lil waħda mill-kategoriji komuni msemmija fl-Anness u li, fejn meħtieġ, jiġu rrispettati l-limiti fuq iż-żmien u/jew finanzjarji stabbiliti għal dawk il-kategoriji, jew,
- meta l-oġġetti ma jkunux jappartjenu lil waħda minn dawk il-kategoriji, jiffurmaw parti integrali mill-kollezzjonijiet pubbliċi elenkati fl-inventarji tal-mużewijiet, fl-arkivji jew libreriji jew l-inventarji tal-istituzzjonijiet ekkleżjastiċi.

Kull Stat Membru għandu jiddefinixxi t-teżori nazzjonali tiegħu skont it-tifsira u l-limiti tal-Artikolu 36 tat-Trattat. L-Anness tad-Direttiva Nru 93/7/KEE ma għandux l-għan li jiddefinixxi l-oġġetti kklassifkati bħala "teżori nazzjonali" fil-kuntest tal-Artikolu msemmi, iżda biss kategoriji ta' oġġetti li jistgħu jkunu kklassifikati bħala tali u jistgħu jkunu eliġibbli għall-proċeduri ta' ritorn.

Din il-proposta tad-Direttiva tfittex li tgħaqqad flimkien il-prinċipji fundamentali taċ-ċirkulazzjoni ħielsa tal-oġġetti kulturali mal-ħtieġa ta' protezzjoni effettiva tat-teżori nazzjonali. Hija tikkonferma l-intenzjoni tal-leġiżlatur tal-1993 li d-Direttiva 93/7/KEE jagħmilha l-ewwel pass fl-istabbiliment tal-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri f'dan il-qasam fil-kuntest tas-suq intern u li l-għan tagħha kien dak ta' rikonoxximent reċiproku tal-leġiżlazzjonijiet nazzjonali rilevanti.

Din il-proposta twieġeb għad-domanda ripetuta li saret mir-rappreżentanti tal-Istati Membri sabiex ikun hemm arranġamenti effikaċi għar-ritorn ta' oġġetti kulturali kklassifikati bħala "teżori nazzjonali". Tippermetti li l-Istati Membri jiksbu r-ritorn tal-oġġetti kulturali kklassifikati bħala "teżori nazzjonali" u li jkunu tneħħew illegalment mit-territorju tagħhom sa mill-1993, u b'hekk tipproteġi aħjar il-wirt kulturali tal-Istati Membri.

Madankollu, il-possessur tal-oġġett jkun jista' jissottometti evidenza fil-proċeduri ta' ritorn b'mod li jargumenta li l-Istat tat-talba jkun kiser l-Artikolu 36 tat-Trattat meta jkun ikklassifika l-oġġett bħala teżor nazzjonali. Il-qorti inkwistjoni imbagħad, fejn meħtieġ, ikollha tieħu deċiżjoni wara li tkun bagħtet referenza għal deċiżjoni preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

L-Artikoli 4 u 6 jipprevedu l-użu min-naħa tal-awtoritajiet ċentrali tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern ("IMI") sabiex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni amministrattiva, il-konsultazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejniethom.

L-Artikolu 4(3) jestendi għal ħames xhur wara n-notifika li l-oġġett ikun ġie skopert, il-perjodu limitat ta' żmien permess sabiex l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tat-talba tivverifika li l-oġġett skopert fi Stat Membru ieħor huwa oġġett kulturali.

Fid-dawl tal-aspett transfruntier ta' din il-kwistjoni, l-estensjoni tal-limitu ta' żmien għandha tikkontribwixxi għal kooperazzjoni amministrattiva aktar effikaċi bejn l-awtoritajiet kompetenti.

L-Artikolu 7.1 jippreċiża li l-proċeduri ta' ritorn ma jistgħux isiru aktar minn tliet snin wara li l-awtorità ċentrali tal-Istat tat-talba tkun saret taf fejn jinsab l-oġġett kulturali u l-identità tal-possessur jew id-detentur.

L-estensjoni ta' dan il-perjodu tikkunsidra l-kumplessità tar-relazzjonijiet transfruntieri u wkoll l-obbligu ta' diliġenza fuq l-Istat Membru tat-talba.

L-Artikolu 9 fih kriterji komuni għall-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "diliġenza meħtieġa" tal-possessur meta jsir l-akkwist tal-oġġett. Dawn il-kriterji huma bbażati fuq dawk stabbiliti fl-Artikoli 4.4 u 6.2 tal-Konvenzjoni UNIDROIT tal-1995.

Din il-proposta tipprevedi li l-oneru tal-provi tad-diliġenza meħtieġa matul l-akkwist tal-oġġett ikun jappartjeni lill-possessur. Min ikun qed jakkwista l-oġġett se jkun intitolat għal kumpens jekk ikun jista' jipprova li wettaq l-akkwist tal-oġġett b'diliġenza fir-rigward ta' jekk l-oġġett ikunx tneħħa b'mod legali mit-territorju tal-Istat Membru tat-talba.

Dawn l-emendi għandhom jikkontribwixxu għal applikazzjoni aktar uniformi u, fejn meħtieġ, jagħmluha aktar diffiċli biex possessuri li jkunu qed jaġixxu *in mala fede* jew li ma jkunux diliġenti biżżejjed jiksbu kumpens.

L-Artikolu 16 jiddefinixxi l-modalitajiet ta' evalwazzjoni u monitoraġġ li jippermettu lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni jiksbu informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva. Ir-rapporti ta' applikazzjoni u r-rapporti ta' evalwazzjoni tad-direttiva se jsiru kull ħames snin. Qed tiġi inkluża klawżola ta' reviżjoni.

- **Komitoloġija u Atti Delegati**

L-Artikolu 17 tad-Direttiva 93/7/KEE jipprevedi li l-Kummissjoni tiġi assistita mill-Kumitat stabbilit permezz tal-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 116/2009 (verżjoni kodifikata tar-Regolament (KEE) Nru 3911/92 dwar l-esportazzjoni ta' oġġetti kulturali)[19]. Dan huwa l-Kumitat dwar l-Esportazzjoni u r-Ritorn tal-Oġġetti Kulturali, li huwa kumitat konsultattiv tal-Kummissjoni magħmul mir-rappreżentanti tal-Istati Membri.

Id-Direttiva 93/7/KEE tistabbilixxi li l-Kumitat għandu jeżamina kull kwistjoni marbuta mal-applikazzjoni tal-Anness tagħha li tista' titressaq mill-President jew fuq l-inizjattiva tiegħu jew fuq talba tar-rappreżentant ta' Stat Membru.

Minħabba li d-Direttiva l-ġdida ma fihiex Anness, ir-referenza għall-Kumitat tħassret mill-proposta.

Skont il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni msejħa "Qafas għall-gruppi esperti tal-Kummissjoni: regoli orizzontali u reġistru pubbliku" (traduzzjoni mhux uffiċjali), il-Kummissjoni se twaqqaf, fejn neċessarju, grupp ta' esperti magħmul minn esperti li jkunu ġejjin mill-awtoritajiet ċentrali responsabbli għad-Direttiva sabiex jistabbilixxi l-proċedura ta' funzjonament tas-sistema ta' informazzjoni tas-suq intern (IMI) fil-qasam tal-oġġetti kulturali.

## 4. INFORMAZZJONI ADDIZZJONALI

- **Tħassir tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

L-adozzjoni ta' din il-proposta ta' riformulazzjoni se twassal għat-tħassir tal-leġiżlazzjoni fis-seħħ, id-Direttivi 93/7/KEE, 96/100/KE u 2001/38/KE.

- **Emenda tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Din id-Direttiva temenda l-Anness tar-Regolament (UE) Nru 1024/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern, sabiex tinkludi fiha d-Direttiva l-ġdida.

- **Żona Ekonomika Ewropea**

L-att propost huwa rilevanti għaż-ŻEE; għalhekk għandu jiġi estiż għaż-ŻEE.

## 5. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

L-implikazzjoni baġitarja ta' din il-proposta hija indikata fid-dikjarazzjoni finanzjarja mehmuża mal-proposta. Il-proposta tinvolvi biss kostijiet amministrattivi.

[19] ĠU L 39, 10.2.2009, p. 1.

↓ 93/7/KEE (adattat)

2013/0162 (COD)

Proposta għal

**~~ID~~-DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**⌦ dwar ⌫ ir-ritorn ta' oġġetti ⌦ kulturali ⌫ ~~ta' kultura illegalment imneħħija~~ ⌦ imneħħija illegalment ⌫ mit-territorju ta' Stat Membru**

**(Riformulazzjoni)**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat ~~li jwaqqaf il-Komunità Ekonomika Ewropea~~ ⌦ dwar il-funzjonament tal-Unjoni Ewropea ⌫, u b'mod partikolari l-Artikolu ~~100 a~~ ⌦ 114 ⌫ tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ⌦ Ewropew ⌫[20],

Skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

⇩ ġdid

(1) Id-Direttiva 93/7/KEE tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 1993 fuq ir-ritorn ta' oġġetti ta' kultura illegalment imneħħija mit-territorju ta' Stat Membru[21] ġiet emendata kemm-il darba b'mod sostanzjali[22]. Minħabba li għandhom isiru aktar emendi, għandha ssir riformulazzjoni tad-Direttiva msemmija għal raġunijiet ta' ċarezza.

↓93/7/KEE premessa 1 (adattat)
⇨ ġdid

(2) ~~Billi l-Artikolu 8a tat-Trattat jipprovdi għat-twaqqif, mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 1993, tas-~~ ⌦ Is- ⌫ suq intern, li ~~għandu jkun~~ fih żona mingħajr fruntieri interni li fiha l-moviment ħieles ~~ta' l-~~ tal-oġġetti, persuni, servizzi u kapital ~~ikun~~ ⌦ huwa ⌫ assigurat b'mod konformi mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat~~;~~. ⇨Dawn id-

[20] ĠU C [...], [...] p. [...].
[21] ĠU L 74, 27.3.1993, p. 74.
[22] Ara l-Anness II, il-Parti A.

dispożizzjonijiet ma jxekklux l-interdizzjonijiet jew ir-restrizzjonijiet iġġustifikati minħabba raġunijiet ta' protezzjoni tat-teżori nazzjonali li jkollhom valur artistiku, storiku jew arkeoloġiku. ⇦

---

🡻 93/7/KEE premessa 2 (adattat)

(3) Billi, Ttaħt it-termini u fl-ambitu tal- ⌦ fil- ⌫ limiti ta' l- tal-Artikolu 36 tat-Trattat, l-Istati Membri għandhom, wara l-1992, iżommu d-dritt li jiddefinixxu t-teżori nazzjonali tagħhom u li jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jipproteġuhom ġo din iż-żona mingħajr frontieri interni;.

---

🡻 93/7/KEE premessa 3 (adattat)

(4) Billi arranġamenti għandhom għaldaqstant ikunu introdotti li jagħmluha possibbli ⌦ Id-Direttiva 93/7/KEE introduċiet sistema li tippermetti ⌫ li l-Istati Membri jassiguraw ir-ritorn fit-territorju tagħhom ta' oġġetti ta' kultura ⌦ kulturali ⌫ li huma kklassifikati bħala teżori nazzjonali fl-ambitu tas-sinjifikat ta' l-imsemmi l-Artikolu ⌦ skont it-tifsira tal-Artikolu ⌫36⌦ tat-Trattat li jaqgħu taħt il-kategoriji komuni tal-oġġetti kulturali msemmija fl-Anness tiegħu ⌫ u li kienu mneħħija mit-territorju tagħhom bi ksur tal-miżuri nazzjonali msemmija hawn fuq jew tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 116/20093911/92 tat-18tad-9 ta' Diċembru 20081992 fuq l-esportazzjoni ta' oġġetti ta' kultura[23]; ⌦ u l-oġġetti kulturali kklassifikati bħala teżori nazzjonali li huma parti importanti mill-kollezzjonijiet pubbliċi jew mill-inventarji tal-istituzzjonijiet ekkleżjastiċi, iżda li ma jidħlux f'dawn il-kategoriji komuni ⌫.billi t-tħaddim ta' dawn l-arranġamenti għandu jkun sempliċi u effiċjenti kemm jista' jkun; billi biex titħaffer il-kooperazzjoni fir-rigward tar-ritorn l-iskop ta' l-arranġamenti għandu jkun limitat għal oġġetti li jappartjenu għal kategoriji komuni ta' oġġett ta' kultura; billi l-Anness ma' din id-Direttiva mhux konsegwentement maħsub biex jiddefinixxi oġġetti li jgħaddu bħala "teżori nazzjonali" fl-ambitu tas-sinjifikat ta' l-imsemmi l-Artikolu 36, imma biss kategoriji ta' oġġetti li jistgħu jkunu klassifikati bħala tali u li jistgħu għaldaqstant ikunu koperti mill-proċeduri tar-ritorn introdotti b'din id-Direttiva;

---

🡻 93/7/KEE premessa 4 (adattat)

Billi oġġetti ta' kultura klassifikati bħala teżori nazzjonali u li jifformaw parti integrali minn kollezzjonijiet pubbliċi jew inventarji ta' istituzzjonijiet ekkleżjastiċi iżda li ma jaqgħux taħt dawn il-kategoriji komuni għandhom ikunu wkoll koperti b'din id-Direttiva;

---

🡻 93/7/KEE premessa 5 (adattat)

(5) Billi ⌦ Id-Direttiva 93/7/KEE stabbiliet ⌫ kooperazzjoni amministrattiva għandha tkun stabilita bejn l-IsStati Membri fir-rigward tat-teżori nazzjonali tagħhom, fliason ⌦ b'rabta ⌫ mill-qrib mal-kooperazzjoni tagħhom fil-kamp ta' xogħolijiet ta' arti

---

23 ĠU L 395, 31.12.1992, p. 1. ĠU L 39, 10.2.2009, p. 1.

misruqa u li jinvolvu b'mod partikolari ~~r-rikordjar~~ ⌦ ir-reġistrazzjoni ⌫, mal-Interpol u korpi oħra kwalifikati li joħorġu listi simili, ta' oġġetti kulturali mitlufa, misruqa jew illegalment imneħħija li jagħmlu parti mit-teżori nazzjonali tagħhom u l-kollezzjonijiet pubbliċi tagħhom~~;~~.

---

↓ 93/7/KEE premessa 6 (adattat)

(6) ~~Billi~~ Il-proċedura ~~mdaħħla~~ ⌦ prevista ⌫ ~~b'din~~ bid-Direttiva⌦ 93/7/KEE kienet ⌫ ~~hija~~ l-ewwel pass fit-twaqqif ta' kooperazzjoni bejn l-IsStati Membri f'dan ~~il-kamp~~ ⌦ il-qasam ⌫ fil-kuntest tas-suq intern. ~~billi~~ Ll-iskop huwa r-rikonoxximent reċiproku tal-liġijiet nazzjonali relevanti~~;~~. ~~billi għandha ssir għaldaqsant dispożizzjoni b'mod partikolari biex il-kummissjoni tkun mgħejuna minn kumitat amministrattiv;~~

---

↓ 93/7/KEE premessa 7 (adattat)

(7) ~~Bili~~ Ir-Regolament (KE~~E~~) Nru ~~3911/92~~ 116/2009 jintroduċi, flimkien ma' din id-Direttiva, sistema ~~ta' Komunita~~ ⌦ tal-Unjoni ⌫ biex tipproteġi l-oġġetti kulturali ~~ta' l-~~ tal-Istati Membri. ~~billi d-data sa meta l-Istati Membri għandhom jikkonformaw ma' din id-Direttiva għandha tkun qrib kemm jista' jkun tad-data tad-dħul fis-seħħ ta' dak ir-Regolament; billi, wara li jikkonsidraw tas-sistemi legali tagħhom u l-iskop tat-tibdil fil-leġislazzjoni tagħhom meħtieġ biex jimplimentaw din id-Direttiva, xi Stati Membri jkunu jeħtieġu perijodu itwal.~~

---

⇩ ġdid

(8) L-applikazzjoni tad-Direttiva 93/7/KEE ħarġet fid-deher il-limitazzjonijiet tal-arranġamenti għall-garanzija tar-ritorn tal-oġġetti kklassifikati bħala teżori nazzjonali li jkunu nħarġu illegalment mit-territorju ta' Stat Membru u li jkunu nstabu fit-territorju ta' Stat Membru ieħor.

(9) L-Istati Membri għandu jkollhom disponibbli arranġamenti li jiżguraw li t-tneħħija illegali ta' oġġett ikklassifikat bħala "teżor nazzjonali" lejn Stat Membru ieħor ma jkollux l-istess riskju bħall-esportazzjoni illegali tiegħu barra l-Unjoni.

(10) Din id-Direttiva għandha tiġi estiża għal kull oġġett kulturali kklassifikat bħala "patrimonju nazzjonali ta' valur artistiku, storiku jew arkeoloġiku" skont il-liġi nazzjonali jew il-proċeduri amministrattivi fil-kuntest tat-tifsira tal-Artikolu 36 tat-Trattat. Għaldaqstant, huwa xieraq li jitneħħa l-kriterju ta' appartenenza għal waħda mill-kategoriji msemmija fl-Anness tad-Direttiva 93/7/KEE u, għalhekk, l-Anness innifsu għandu jitħassar flimkien mal-kriterju ta' appartenenza integrali għall-kollezzjonijiet pubbliċi li jidhru fl-inventarji tal-mużewijiet, arkivji u fondi ta' konservazzjoni tal-libreriji jew l-inventarji tal-istituzzjonijiet ekkleżjastiċi. Id-diversità tal-arranġamenti nazzjonali għall-protezzjoni tal-oġġetti kulturali hija rikonoxxuta fl-Artikolu 36 tat-Trattat. F'dan il-kuntest, il-fiduċja reċiproka, ir-rieda li jkun hemm kooperazzjoni u l-fehim reċiproku bejn l-Istati Membri huma indispensabbli.

(11) Jeħtieġ li tiżdied il-kooperazzjoni amminstrattiva bejn l-Istati Membri sabiex din id-Direttiva tkun tista' tiġi applikata b'mod aktar effettiv u uniformi. Għalhekk, għandhom isiru arranġamenti sabiex l-awtoritajiet ċentrali jużaw is-Sistema ta'

Informazzjoni tas-Suq Intern ("IMI") prevista fir-Regolament (UE) Nru 1024/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar kooperazzjoni amministrattiva permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/49/KE[24]. Tajjeb ukoll illi l-awtoritajiet kompetenti l-oħra tal-Istati Membri, fejn possibbli, jużaw l-istess sistema.

(12) Sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tad-dejta personali, il-kooperazzjoni amministrattiva u l-iskambju tal-informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu konformi mar-regoli stabbiliti fid-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta[25] u, jekk tkun qed tintuża s-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern, dawk stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1024/2012.

(13) Iż-żmien mogħti lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tat-talba sabiex dan jivverifika jekk l-oġġett kulturali li nstab fi Stat Membru ieħor huwiex oġġett kulturali skont it-tifsira ta' din id-Direttiva, għandu jiġi estiż. Perjodu itwal għandu jippermetti li jittieħdu miżuri xierqa sabiex jinżamm l-oġġett u, fejn meħtieġ, jipprevjeni kwalunkwe azzjoni ta' evażjoni għall-proċedura ta' ritorn.

(14) Iż-żmien li matulu għandhom isiru l-proċeduri ta' ritorn għandu jkun stabbilit għal tliet snin wara li l-Istat Membru tat-talba jkun sar jaf bil-lokazzjoni tal-oġġett kulturali u bl-identità tal-possessur jew tad-detentur tiegħu. Għal raġunijiet ta' ċarezza, għandu jiġi kkjarifikat li l-iskadenza tal-proċedimenti tibda mid-data meta l-awtorità ċentrali tal-Istat Membru tat-talba tkun saret taf b'din l-informazzjoni.

(15) Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea rrikonoxxa l-ħtieġa li jittieħdu miżuri sabiex il-prevenzjoni tal-kriminalità fil-konfront tal-oġġetti kulturali u l-ġlieda kontra dan il-fenomenu jsiru aktar effikaċi. F'dan il-kuntest qed jiġi rrakkomandat li l-Kummissjoni toffri l-appoġġ tagħha lill-Istati Membri sabiex dawn jipproteġu b'mod effettiv l-oġġetti kulturali bil-għan li jipprevjenu u jiġġieldu kontra t-traffikar illegali tagħhom u jippromwovu miżuri kumplimentari, fejn xieraq[26].

(16) Tajjeb li jiġi żgurat li dawk kollha involuti fis-suq tal-oġġetti kulturali jwettqu t-tranżazzjonijiet tal-oġġetti kulturali bl-akbar diliġenza. Il-konsegwenzi ta' akkwist ta' oġġett kulturali b'oriġini illegali jkunu ġenwinament dissważivi biss jekk l-obbligu ta' ritorn jitlaqqa' mal-obbligu, għall-possessur, li dan jagħti prova ta' diliġenza sabiex ikun jista' jikseb il-kumpens. Għalhekk sabiex jinkisbu l-għanijiet tal-Unjoni fir-rigward tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar illegali tal-oġġetti kulturali, huwa xieraq li jiġi stabbilit li l-possessur għandu jipprovdi prova li jkun wettaq l-akkwist tal-oġġett b'diliġenza sabiex jikseb kumpens u li l-possessur ma jistax jiddikjara li aġixxa *in bona fede* jekk ikun naqas milli juża d-diliġenza li teħtieġ iċ-ċirkustanza.

(17) Sabiex l-Istat Membru jkun jista' jasal għal interpretazzjoni uniformi tal-kunċett ta' "diliġenza meħtieġa", tajjeb li jiġu stabbiliti ċ-ċirkustanzi li għandhom jiġu kkunsidrati sabiex jiġi ddetermniat jekk intużatx id-diliġenza meħtieġa.

(18) L-għan ta' din id-Direttiva, li huwa dak li tippermetti r-ritorn ta' kwalunkwe oġġett kulturali kklassifikat bħala "teżor nazzjonali" u li jkun tneħħa illegalment mit-territorju ta' Stat Membru, ma jistax jinkiseb kif xieraq mill-Istati Membri u għalhekk,

---

[24] ĠU L 316, 14.11.2012, p. 1.

[25] ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.

[26] Il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Unjoni dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità fir-rigward ta' beni kulturali, Il-Kunsill tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni, it-13 u l-14 ta' Diċembru 2011.

